MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 293/2014

**Benjamin Cassar Bernard**

**vs**

**Allan Magro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar it-22 ta' Awwissu 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' €10,026 [ghaxart elef u

sitta u ghoxrin ewro] rapprezentanti in kwantu ghal €9,200 [disat elef u mitejn ewro] prezz ta' vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni SON-880 mixtrija minnghandu mir-rikorrenti fil-5 ta' Frar 2014 u in kwantu ghas-somma ta' €826 [tmien mija u sitta u ghoxrin ewro] rapprezentanti spejjez inkorsi mir-rikorrenti fl-istess vettura, u dana peress illi wara l-bejgh, il-vettura illi xtara minghandu bdew jizviluppaw fiha diversi difetti illi ma jidhrux fosthom fil-*gear box*, fid-*drive shaft*, fil-*wish bones*, fil-*fly-wheel*, fil-*clutch* u fl-*engine block* u li rrendew l-istess vettura kompletament mhux tajba ghall-uzu;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2385/2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jgib in-numru /2014 u li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Allan Magro li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn eccepixxa:

1. *"Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta skond l-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.*
2. *Illi talbiet huma nfondati ghaliex l-attur ma jistax jzomm il-vettura u jitlob ir-rifuzzjoni tal-prezz*
3. *Illi talbiet ghandhom jigu michuda ghaliex il-vettura nbieghet tale quale u ghaldaqstant il-garanzija ghad-difetti latenti giet ekluza*
4. *Illi mhux minnu li l-vettura nbieghet lill-attur b'xi hsarat u dan stante li l-konvenut taghha hmistax il-jum lill-attur sabiex dan jispezzjona l-vettura u wkoll, kif fil-fatt ghamel hadha wahdu ghand mechanic/mechanics ta' fiducja tieghu*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Illi f'din il-kawza xehed biss **Stephen Cachia** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta u dan nhar id-19 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa gie mitlub jaghti nformazzjoni dwar il-vettura numru ta' registrazzjoni SON-880. Huwa spjega li din hija vettura tal-ghamla Toyota Yaris, ta' kulur silver, registrata f'isem Michael Bugeja (ID *omissis*) u ilha hekk registrata mis-16 ta' Mejju tas-sena 2013.

Rat ir-rikors ta' l-attur ipprezentat fl-atti nhar is-27 ta' Novembru 2014 fejn talab li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur tieghu fis-sens li n-numru ta'registrazzjoni tal-vettura kif indikat fir-rikors promtour u cioe' SON-088 jigi kancellat u sostwit bin-numru ta' registrazzjoni SON-880.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta Dicembru 2014 fejn din l-istess Qorti laqghet it-talba ghal tali korrezzjoni, liema korrezzjoni giet registrata fl-atti.

Rat l-atti tal-process inkluz l-kopja tal-ittra ufficcjali prezentata mill-attur nhar l-14 ta' lulju 2014 fejn l-istess attur ghamel referenza ghan-negozju ta' bejgh li kien sar bejn il-kontendenti dwar il-vettura mertu tal-kawza fejn l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallsu l-prezz tal-vettura li huwa kien halsu oltre l-ispejjez li huwa sofra minhabba li l-vettura li giet mibjugha lilu kellha divesi difetti. Jinghad li f'din l-ittra ufficjali l-attur irrefera ghall-vettura li kien xtara minghand l-attur bhala dik li kellha in- numru ta' registrazzjoni SON 088.

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenut ghal din l-ittra ufficcjali prezentata fir-Registru tal-Qorti nhar is-27 ta' Lulju 2014 liema kopja tar-risposta tinsab esebita fl-atti a fol. 17 immarkata bhala Dok B2 u f'din ir-risposta l-konvenut cahad li l-vettura li huwa biegh lill-attur kellha xi difetti u ghalhekk iddikjara li ma kienx lest ihallas l-ebda somma flus lill-attur. Illi fl-ebda hin ma l-konvenut indika fir-risposta li huwa ppezenta ghall-ittra ufficcjali ta' l-attur li n-numru tal-vettura indikat kien zbaljat.

Illi a bazi ta' din ir-risposta l-attur ipproceda quddiem din il-Qorti billi ipprezenta ir-rikors promotur.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni u cioe' dik tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-**Artikolu 1431 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari fuq din l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Huwa sew konkordi f'materja ta' preskrizzjoni illi l-principji gwida huma bejn wiehed u iehor is-segwenti:

1. In linea generali, il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa' billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli jew illi kien hemm is-sospensjoni jew l-interruzzjoni taghha jew ir-rinunzja. (vide **Hilda Bartolo et -vs- Giuseppina Zammit et**, Prim'Awla, Qorti Civili, 13 ta' Jannar, 1953;

2. L-interruzzjoni u r-rinunzja mhux l-istess haga, anke jekk sew l-interruzzjoni u sew ir-rinunzja, iridu jirizultaw b'mod car u inekwivokabbli. Skond il-gurisprudenza, l-operattivita` taghhom hi f'dan is-sens. Salv fil-kaz ta' att gudizzarju, ir-rikonoxximent ta' debitu

jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun ghadha in korso, izda jekk il-preskrizzjoni tkun gja kompjuta hi ipotizzata qaghda ta' rinunzja u mhux ta' interruzzjoni. Ara **<u>Joseph Bajada - vs- Alfred Naudi</u>**, Qorti tal-Kummerc, 12 ta' Jannar 1950 u **<u>Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe Brincat et</u>**, Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1994;

3. Fil-kaz tar-rikorrenza tal-wahda jew ta' l-ohra l-indagini timplika apprezzament ta' fatti. M'ghandniex xi nghidu, il-kreditur-attur li jivvanta l-interruzzjoni jew ir-rinunzja jrid juri mhux biss li jezisti fatt inkompatibbli mal-volonta' li wiehed javvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda, ukoll, li dan il-fatt jimmanifesta fih, u minghajr possibbilita` ta' xi interpretazzjoni diversa, il-volonta' inekwivokabbli ta' l-interruzzjoni jew tar-rinunzja. (vide **<u>Fibermar Company Limited -vs- Christian Camilleri</u>**, Appell Inferjuri, 12 ta' Gunju, 2009 u **<u>Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri</u>**, Appell Superjuri, 28 ta' Mejju 2010);

4. Apparti l-kaz ta' l-interruzzjoni b'att gudizzjarju skond il-previzjoni tal-ligi fl-**Artikoli 2128 u 2130 tal-Kodici Civili**, l-interruzzjoni tista' tirrizulta minn qaghdiet ohra bhal ma huma r-rikonoxximent tad-debitu (**Artikolu 2113**) jew il-hlas akkont (**Artikolu 2134).** Ara ghal aktar dettal is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta in re: **<u>Martin Mizzi -vs- Joseph Camilleri</u>**, 20 ta' Ottubru, 2004, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-kawza fl-ismijiet **<u>Carmelo Abdilla *et* -vs- Frances Gloria Crockford et</u>**, 26 ta' Gunju, 2009;

Illi dan kollu li nghad aktar 'l fuq pero' japplika biss meta t-terminu hu wiehed ta' preskrizzjoni u mhux wiehed ta' dekadenza fejn it-terminu jkun wiehed perentorju.

Illi skond l-**Artikolu 2137** tal-Kodici Civili l-proponiment ta' l-azzjoni ghandu jkun dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cjoe jekk dan kienx jew le f'kondizzjoni li jagixxi, tkun xi tkun ir-raguni. (vide **Raphael Micallef -vs-Anthony Agius**, Appell, 6 ta' Ottubru, 2000 u **Carmela Dalli -vs- Monomark Developments Ltd**, Appell Inferjuri, 13 ta' Marzu, 2009).

Premessi dawn il-principji, jirrizulta ghal dawk li huma l-fatti l-aktar saljenti tal-kaz illi:

1. Jidher li n-negozju ta' bejgh bejn il-kontendenti sehh fil-5 ta' Frar 2014 kif jirrizulta mill-iskrittura ta' bejgh esebita fl-atti a fol. 15 u mmarkata bhala Dok A fejn f'din l-iskritura l-konvenut biegh u trasferixxa lill-attur li accetta li jixtri u jakkwista l-vettura tat-tip Golf versu l-prezz pattwit ta' disat elef u mitejn ewro (€9,200) liema hlas sar permezz ta' cekk tal-HSBC numru 819.
2. Jidher li in segwitu ta' dan it-trasferiment, l-attur sostna li l-vettura kellha diversi difetti latenti li ma jidhrux fosthom fil-*gear box*, fid-*drive shaft,* fil-*wish bones*, fil-*fly wheel*, fil-*cluth* kif ukoll fl-*engine block* li irrendew l-vettura kompletament mhux tajba ghall-uzu.

3. Illi l-attur jghid li inkorra diversi spejjez sabiex biddel il-gear box tal-vettura in kwistjoni u minkejja dan, il-vettura xorta baqget mhux tajba ghall-uzu taghha.
4. Illi ghalhekk l-atturipprezenta ittra ufficcjali nhar l-14 ta' Lulju 2014 fejn interpella lill-konvenut sabiex jirrifondi lura il-flus imhallsa lilu in konnessjoni ma' dan il-bejgh, oltre li jhallsu ta' l-ispejjez li huwa inkorra fuq il-vettura.
5. Illi l-konvenut wiegeb ghal din l-ittra ufficcjlai permezz ta' risposta ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Lulju 2014 fejn cahad l-pretensjonijiet ta' l-attur u sostna li l-vettura ma kelha xejn hazin fiha.
6. Illi ghalhekk l-attur ipprezenta l-kawza odjerna kontra l-konvenut a bazi tal-**Artikolu 1429 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta fejn qed jitlob refuzjoni tal-flus imhalsa lilu in konnessjoni mal-bejgh tal-vettura Volkswagen u in oltre li jithallas ta' l-ispejjez li huwa inkorra minhabba li l-vettura kellha diversi difetti latenti.

**Ikkunsidrat :**

**L-Art.1424 tal-Kap.16** jaqra hekk:

*'Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.1*

Id-disposizzjoni ta` wara u cioe` l-**Art. 1425** tghid hekk:

*'Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta` jsir jaf bihom wahdu.'*

Bis-sahha tal-**Art.1427**, il-ligi taghti lix-xerrej ghazla ta` zewg azzjonijiet illi jista` jiehu kontra l-bejjiegh: l-*azzjoni redibitorja* jew l-*azzjoni stimatorja*. Fil-kaz tal-lum, l-atturi ghazlu t-tieni azzjoni u cioe` l-*actio redibitorja,* li skond l-istess **Art.1427** tfisser illi x-xerrej jitlob refuzjoni tal-flus imhalsa lill-konvenut in konnessjoni mal-bejgh tal-vettura Volkswagen u in oltre li jithallas ta' l-ispejjez li huwa inkorra minhabba li l-vettura kellha diversi difetti latenti.

Il-ligi taghti lix-xerrej terminu biex jagixxi kemm jekk jaghzel l-*actio redhibitoria* kemm jekk imur ghall-*actio aestimatoria.* F`dan ir-rigward, l-**Art.1431** jghid hekk:

*"(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta` sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta` sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.*

*(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dak in-nhar li seta` jkun li hu jikxef dak id-difett …"*

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-attur ha pussess tal-vettura nhar il-5 ta' Frar 2014 u ghalhekk stante li qed jagixxi bl-*azzjoni redhibitorja* huwa kellu sitt xhur sabiex jipprezenta l-azzjoni tieghu. Dan il-perjodu ta' sitt xhur mhux wiehed ta'

preskrizzjoni ghalkemm il-ligi jsejjahlu hekk izda perijodu ta' dekadenza u ghalhekk l-attur bil-fors kellu jagixxi entro dan it-terminu.

Issir referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet '**Francis Felice u martu Rita Felice ghal kull interess li jista` jkollha kontra Anthony Pisani'** deciza fit-18 ta' April 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll ghal sentenzi ohra tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mhux daqstant ricenti (**Pizzuto vs Refalo**, Vol.XX.1.316; **Ruggier vs German**, XXX.1.377 u **Arrigo vs Falzon**, Vol. XXX11.1.508) fejn gie ritenut li dan it-terminu huwa terminu *di rigore* u ntqal ukoll illi l-gurisprudenza, tant lokali kemm estera, qatt ma ddubitat illi fil-kaz ta' l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, hemm terminu ta` dekadenza, u mhux ta` preskrizzjoni vera u proprija, ghalkemm il-legislatur juza l-espressjoni ta` preskrizzjoni. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-azzjoni *redhibitoria* u/jew *aestimatoria* ghandha perijodu ta' dekadenza marbut maghha (ara **Carmelo Dimech vs Francis Xuereb**, App. Civ. 15.12.1997).

Jirrizulta mill-atti li l-attur effettivament huwa kien ipprezenta ittra ufficcjali nhar l-14 ta' Lulju 2014 x'aktarx bl-iskop li jinterrompi t- terminu ta' preskrizzjoni, izda l-Qorti hija tal-fehma li tali att gudizzjarju qatt ma seta' jinterrompi il-perijodu rikjest ghall-prezentata ta' l-azzjoni odjerna ghaliex dan hu terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u ghalhekk l-attur messu agixxa fi zmien sitt xhur minn meta nduna bid-difett latent.

Jigi precizat qabel xejn illi t-terminu ta' sitt xhur (qabel l-emendi fil-ligi kien xahar) mhux wiehed ta' preskrizzjoni izda wiehed ta' dekadenza liema terminu hu wiehed ta' ordni pubbliku u mhux interrottibili jew li jista' jigi sospiz. Lanqas ma hu xi terminu prorogabbli u l-inattivita' fl-imsemmi perjodu

irrimmedjabilment jippregudika d-drittijiet tal-kumpratur. Ara f'dan is-sens '**Joseph Vella noe vs Anthony Migneco'** (PA, 09/06/2005TM) li taghti rassenja ta' sentenzi fuq dawn il-principji regolaturi.

Hu pacifiku illi ghalkemm it-terminu ta' sitt xhur hu wiehed ta' dekadenza, kif intqal fil-kawza '**Micallef vs Mizzi Bros. Limited'** fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn dakinhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett (Art. 1431(2) tal-Kapitolu 16 jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah (P.A. 1.10.1982 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Paċe vs Joseph Paċe** (mhix pubblikata). U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibbli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa (Kumm. 7.3.1950 fil-kawża fl-ismijiet **Tanti vs Cassar noe** (Kollez. Vol: XXXIV.iii.779)).

Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett

moħbi u mhux minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas (App. Kumm. 21.10.1977 fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Charles J. Xuereb vs JohnAttard et noe** (mhix pubblikata));

Issa mill-atti processwali ma jirrizultax meta effettivament l-attur induna b'dawn id-difetti u ghalhekk il-Qorti qieghda tiehu bhala zmien il-mument tal-biegh (u dan fid-dawl ta' nuqqas ta' prova ohra ) u konsegwentement l-attur messuipprezenta l-azzjoni tieghu qabel is-6 ta' Awwissu 2014 u cioe' entro s-sitt xhur

stante li dan iz-zmien ma jidhirx li jista'  jigi prorogat jew interrott b`xi manjiera. Ghalhekk kwalunkwe interpellazzjoni gudizzjarja li saret skond il-ligi li setghet tinterrompi t-termini tal-preskrizzjoni meta si tratta ta` preskrizzjoni, f`dana l-kaz, billi ninsabu f`materja ta` dekadenza, ma jista` jkollha ebda effett interruttiv, ghaliex l-azzjoni hija perenta.

Illi ghalhekk il-kwistjoni jekk l-ittra ufficcjali hix valida jew le (peress li kellha indikat fuqha numru ta' registrazzjoni ta' vettura zbaljata) m'ghandhiex relevanza fir-rigward odjern ghaliex l-ittra nnifisha m'ghandhiex validita' a skop ta' interruzzjoni.

**Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi milqugha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------